MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2011

Numru. 880/2011

**Il-Pulizija**
**Spettur Arthur Mercieca**

**Vs**

**OMISSIS**

**Illum 5 ta' Ottubru 2011.**

**Il-Qorti:-**

Rat li l-imputat **– OMISSIS -** gie mressaq quddiemha nhar is-16 t'Awissu 2011 u akkuzat talli fit-28 ta' Lulju 2011 ghall-habta tas-sitta w nofs ta' wara nofsinhar (6.30 p.m.) gewwa M'Xlokk ikkaguna kelb li jsofri wgiegh, tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn, tant li kkagunalu l-mewt.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar id-29 ta' Lulju, 2011, u cioe' fil-jum meta

gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputat u meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li hu hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu, u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga’ lura minnha, w kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizzjonata tal-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fothom is-CDB Details esebiti mill-Prosekuzzjoni, kwerela tal-Animal Welfare, ritratt tal-kelb mejjet, dikjarazzjoni ghall-assistenza legali, zewg stqarrijiet u PIRS Report.

Il-Qorti giet mgharrfa seduta stante nhar id-29 ta’ Lulju 2011 li l-imputat jinsab taht il-kura tal-pskjatra Dr. Anthony Dimech u li ghandu bzonn l-ghajnuna, w ghalhekk il-Qorti nnominat lis-Senior Probation Officer Miriam Sevasta sabiex tinvista lill-imputat bil-ghan li thejji *pre sentencing report* u tintervista lill-istess Dr. Anthony Dimech.

Semghet lis-Senior Probation Officer Miriam Sevasta tixhed nhar l-20 ta’ Settembru 2011 u tghid li hija ntervistat lill-imputat odjern regolarment minn mindu giet nominata u tghid li l-imputat ghandu problemi pskjatrici u verament jinsab taht il-kura medika taht is-sorveljanza tal-psikjatra Dr. Anthony Dimech. Tghid li hija tkellmet mal-genituri tieghu stante li huwa minorenni, w dawn spjegawlha li binhom minn dejjem inkwetahom u tahom il-problemi, tant li llum anke l-omm tfittex ghajnuna psikjatrika minhabba l-agir ta’ binha.

Jirrizulta il l-imputat li huwa minorenni, kif jghidu l-genituri tieghu stess, huwa persuna selvagga w bla rispett u

jinkwetahom hafna. Saru jafu li ricentement anke beda jabbuza bid-droga tant li haduh ghall-ghajnuna tal-Caritas. Il-Probation Officer tikkonfema li hija hadet kampjuni tal-awrina tieghu li dan ta rizultat posittiv ghall-presenza ta' kokajina. Qalet ukoll li l-imputat mhux dejjem jifhem l-import ta' dak li jkun qed jaghmel u li jbati minn xi sintomi. Ikkonfermat li fil-fatt l-imputat kien qed jattendi ghall-appuntamenti tieghu il-Caritas ghalkemm ma attendiex ghal tnejn minnhom. Ir-rapport tal-Probation Officer gie prezentat u markat bhala Dok MS.

Minn ezami ta' l-istess jirrizulta dak kollu li l-Probation Officer qalet viva voce fil-Qorti oltre dak li rrakomandat hi stess, u cioe' li l-imputat jinghata piena karcerarja sospiza, u li l-vittma tigi kkumpensata ghal dak li garrbet, u cioe' l-valur tal-kelb.

Fis-seduta tal-20 ta' Settembru 2011, dehret sid il-kelb **– OMISSIS -** li ddikjarat li l-kelb kellu valur ta' tlett mija u hamsin Ewro (€350) u seduta stante l-imputat ghadda dan l-ammont ta' flus lill-istess **– OMISSIS -** u l-istess **– OMISSIS -** kienet sodisfatta b'dak li irceviet.

Il-Probation Offier issuggeriet ukoll li l-imputat ghandu jzomm kuntatt regolari mal-Caritas, li jittihidlu kampjun tal-awrina fuq bazi regolari w li jzomm kuntatt regolari mal-psikjatra w jibqa' jiehu l-kura li tigi ordnata lilu mill-psikjatra.

Il-Qorti ezaminat il-fedina penali ta' l-imputat u jirrizulta li hija wahda nadifa minghajr ebda tebgha ta' reat jew kontravenzjoni registrat fuqha, w ghalhekk l-imputat ghandu jitqies bhala *a first time offender* u ghandu jigi applikat ukoll l-Artikolu 37 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, w cioe' li jkun hemm riduzzjoni fil-piena sa zewg gradi stante li huwa minuri.

Dr. Joseph Brincat ghal Parte Civile sostna li l-Qorti ma tistax taghti piena karcerarja sospiza kif issuggeriet il-Probation Officer ghaliex il-ligi dwar il-mohqrija ta' l-annimali ma tippermettix sentenza ta' prigunerija f'kaz ta' l-ewwel kundanna, w ghalhekk issuggerixxa li tinghata

Probation Order in linea ma' dak li jipprovdi l-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat.

Il-Qorti rat il-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta, msejjah l-Att dwar it-Trattament Xieraq ta' l-Annimali, u fl-artikolu 3 (1) ta' l-istess Att insibu Dikjarazzjoni ta' principji. Dan l-Artikolu jipprovdi s-segwenti:-

"*L-stat jaghmel hiltu, skond id-disposizjonijiet ta' dan l-Att, biex jipprotegi l-hajja ta' l-annimali u biex ma jhallix li jsiru, u jwahhal pieni ghal, atti ta mohqrija lejhom. Partikolarment, L-Istat jipprotegi dawn l-annimali minn kul hidma mhux xierqa u minn prattici ta' xoghol li jmorru lil hinn minn, u ma jaqblux ma' n-natura taghhom."*

L-istess Arikolu fis-sub artikolu (2) ikompli ighid illi :-

"*L-Istat jirrikonoxxi li ghandu d-dmir li jippromuovi l-harsien ta' l-annimali, u li l-harsien ta' l-annimali ghandu jigi protett bl-intervent ta' l-Istat, bl-organi legislattivi, gudizzjarji u amministrattivi tieghu*."

U hu appuntu ghalhekk li din il-kawza tinsab quddiem il-Qorti sabiex l-organu gudizzjajru jaghmel il-parti tieghu sabiex jippromuovi l-harsien ta' l-annimali u jippunixxi lil min jaghmel mod iehor.

Naturalment fil-harsien ta' l-annimali l-ebda animal ma ghandu jigi mgieghel isofri wgiegh, tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn, u l-ebda annimal ma jista' jigi abbandunat. Issa moqhrija ta' l-annimal, kif gie akkuzat l-imputat, ifisser li huwa gieghel lill-annimal, b'xi att jew ommissjoni, jsofri wgiegh jew tbatija, li fix-xorta jew mill-qawwa, jew fil-ghan taghhom, jew fi-cirkostanzi li fihom ikunu mposti, jkunu zejda jew bla htiega.

L-Artikolu 13. (1) jipprovdi li :-

*"Hlief f'kaz ta' emergenza li vizibilment tfisser tbatija zejda u li tista' twassal ghall-mewt, veterinarju biss jew persuna*

*ohra kompetenti tista' toqtol annimal ta' razza domestikata jew li tappartjeni ghal razza selvagga izda li tkun giet domestikata…"*

Is-sub-inciz 5 (1) tal-Artikolu 13 jipprovdi l-metodi ta' qtil li huma projbiti, fosthom dak li gara f'dan il-kaz, u cioe' l-gharqa tal-kelb.

Il-Qorti ghamlet apprezzament tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputat minuri dakinhar tal-incident *a tempo vergine* tal-investigazzjoni, w jirrizulta li verament huwa qatel il-kelb billi gharrqu, w dan meta huwa kien qed ighum. Jghid li huwa ghamel hekk peress li l-kelb kien qed jaghmel ghalih u li kien imbezza' minnu. Ma jirrizultax li dak li l-imputat ghamel ghamlu sabiex jitkessah jew sabiex ikun vindikattiv, ghalkemm il-motivazzjoni ghall-mewt ta' dan il-kelb ma ttafettwax il-htija tieghu, stante l-ammissjoni tieghu kif registrata qudiem l-avukat difensur tieghu.

Dwar il-piena applikabbli l-Qorti taghmel referenza ghall-Artikolu 45 (1) (a) tal-Kap 439 tal-Ligijiet ta' Malta fejn hemm provdut li l-piena applikabbli ghal dan il-kaz huwa multa ta' mhux inqas minn 500 Ewro (€500) u mhux aktar minn tletin elf Ewro (€30,000), stante li din hija l-ewwel kundanna tieghu ghal reat naxxenti minn dan l-Att.

Illi ghalhekk kif tajjeb osserva Dottor Joe Brincat ghal Parte Civile, dak li ssuggeriet il-Probation Officer bhala piena ma jistax jinghata, ghalkemm is-suggeriment tal-partijiet u cioe' li din il-Qorti tapplika l-provediment tal-Probation Order isib konfort fl-istorja taht il-lenti.

L-imputat huwa bniedem minuri w ghalhekk japplika dak li jiddisponi l-Artikolu 37 tal-Kap. 9, u ghalhekk il-piena prevista ghandha tonqos bi grad jew tnejn. Il-Qorti hija konsapevoli li l-imputat minuri ghandu karattru ribelluz u difficli w mhux dejjem apprezza l-ghajnuna moghtija lilu anke mill-genituri tieghu stess, li minn dak li jirrizulta jaghmlu hafna mieghu, izda dawn ic-cirkostanzi ma jezentawhx mir-responsabilita' w ma jammontawx ghal xi licenzja biex huwa jaghmel li jrid. Wara kollox il-Ligijiet qeghdin hemm biex jigu osservati minn kulhadd,

maggorenni w minorenni.  U l-minorenni wkoll iridu jirrispondu ghall-agir taghhom; naturalment il-Ligi titratta b' mod differenti mal-minorenni propju minhabba n-nuqqas ta' maturita' taghhom, u huwa propju ghalhekk li l-piena prevista tonqos bi grad jew tnejn fil-kaz ta' xi kundanna fil-konfront ta' minorenni.

Illi l-osservanza tal-Ligi hija obbligu mpost fuq il-Qorti wkoll; l-operat  taghha mhux wiehed liberu imma huwa cirkoskritt mil-Ligijiet vigenti b'mod li l-Qorti trid bil-fors tapplika dawk il-Ligijiet u l-pieni hemm preskritti bil-mod kif hu hemm preskritt.  L-alternattivi li ghandha l-Qorti huma tnejn, u cioe' jew li timponi multa li l-minimu taghha huwa ta' hames mitt Ewro u l-massimu huwa ta' tletin elf Ewro, b'dan pero' qabel ma tapplika l-provediment tal-Artikolu 37, u b'hekk din il-Qorti in realta' tkun qed tippunixxi lill-genituri tieghu aktar ghal dak li ghamel binhom, ghaliex zgur li l-imputat minorenni m'ghandux dawn il-flejjes, jew li taghti Probation Order.

Biex il-Qorti taghti Ordni ta' Probation trid tkun sodisfatta li l-persuna koncernata hija almenu disposta toqghod ghall-ordnijiet li ser jinghatawlha.

Illi din il-Qorti dejjem ghamlet minn kollox u dak kollu li huwa possibbli sabiex tghin lil kull min deher quddiemha bhala mputat u kellu problemi, tal volta anke serji hafna, w f'kazijiet bhal dawn, il-Qorti dejjem tat kull opportunita' sabiex vittmi ta' droga jfiequ w jghinu ruhhom sabiex jirrintegraw ruhhom fis-socjeta'.  F'dan il-kaz jidher li l-imputat ghandu *personality disorder*, ghalkemm ghadu minuri, w anke problema ta' tehid ta' sustanzi illeciti w s'issa ma jirrizultax li beda jindirizza din il-probelma tant akuta, ghalkemm ghandu l-ghajnuna tal-genituri tieghu warajh.

Din il-Qorti dan ghamlitu meta kienet konvinta li min kien quddiemha ried tassew u genwinament johrog minn din il-problema, w min wera rieda tajba w affidabilita', w ghalhekk kien jisthoqqlu li jinghata cans li jfieq u jerga' jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta'.

Illi f'dan il-kaz il-Qorti thoss li ghandha taghti cans lill-imputat u dan in vista li huwa *a first time offender* u li huwa minorenni, w dan sabiex jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta' li wara kollox hu wkoll jaghmel parti minnha, w dan ghaliex temmen li l-isforz tieghu jista' jkun wiehed genwin.

Il-Qorti thoss li jekk timponi l-hlas ta' multa fuq l-imputat m'hu ser jitghallem xejn minn din l-esperjenza tant qarsa w li ser ikunu l-genituri tieghu li ser isofru l-aktar pregudizzju, w dan ghaliex apparti li diga' kkumpensaw lill-vittma huma llum ghandhom jindirizzaw il-problemi psikjatrici li ghandu t-tifel, oltre li jiehdu aktar kura tieghu stante l-kundizzjonijiet stretti li sejra tabbraccja fl-ordni taghha.

Bl-ghotja tal-Ordni tal-Probation il-Qorti tittama sincerament li tpoggi lit-tifel (li ghandu jitqies bhala **persuna vulnerabbli**, peress illi meta sehh il-kaz huwa kellu biss sittax-il sena) fuq it-triq it-tajba 'l boghod mill-hajja ta' kriminalita', w bl-ghajnuna tal-Ufficcjal tal-Probation huwa jkun jista' jindirizza l-problemi psikjatrici li huwa ghandu.

Il-Qorti hadet konsiderazzjoni wkoll tal-fatt li l-imputat gja kkumpensa lill-vitma, li kko-opera mal-awtoritajiet u li rregistra ammissjoni fl-ewwel opportunita' moghtija lilu.

**Il-Qorti ghalhekk wara li rat l-Artikoli 3, 13 (5), u 45 (1) tal-Kap 439 u l-artikolu 37 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li ssib lill-imputat – OMISSIS - hati tal-akkuza kif minnu ammessa w tiddeciedi, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, li tpoggih taht Ordni ta' Probation ghaz-zmien massimu permess mil-ligi ta' tliet [3] snin millum taht is-segwenti kundizzjonijiet:**

**1. Li l-imputat ghandu jkompli jsegwi l-programm ta' riabilitazzjoni gja mibdi minnu mal-Caritas kontra l-abbuz mid-droga;**
**2. Li matul dan il-perjodu ta' Probation ta' tliet snin l-imputat igib ruhu tajjeb, jghaddi hajja ta'**

**bzulija u joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer, inkluz kull direttivi li l-Probation Officer jhoss li jkunu necessarji sabiex ma jiffrekwentax certu postijiet u/jew certi nies;**

**3. Li l-imputat jibqa' jzomm kuntatt kontinwu mal-istess Probation Officer skond d-direttivi li dan jaghtih minn zmien ghal zmien u partikolarment huwa kellu, jekk l-Probation Officer jkun irid hekk, jircievi zjarat tieghu fid-dar tieghu;**

**4. Li l-imputat minnufih jgharraf lil Probation Officer b'kull tibdil ta' residenza u/jew xoghol tieghu;**

**5. Li l-imputat jidher quddiem il-Qorti flimkien mal-istess Probation Officer kull xahar fid-data w il-hin li jigu komunikati lilu mill-istess Probation Officer bl-iskop li l-Qorti jkollha rapport dwar l-andament u l-imgieba tal-istess imputat.**

**6. Li l-imputat probationer ikompli jiehu l-kura medika preskritta mil-psikjatra Dr. Anthony Dimech u jkompli taht il-kura tieghu.**

**7. Li l-imputat probationer jaghti kampjun tal-awrina tieghu b'mod regolari w dan kull meta jigi hekk mitlub kemm minn xi rapprezentant tal-Caritas kif ukoll mill-istess Probation officer.**

**Il-Qorti spjiegat lill-hati fi kliem car, kemm ir-responsabilita' tieghu u x'jigri jekk hu jikkommetti reat li ghalih ikun hemm piena ta' prigunerija matul il-perjodu ta' tliet [3] snin.**

**Il-Qorti tordna ai termini tal-Artikolu 7 (5) tal-Kap. 446 li l-imputat tinhariglu Treatment Order tul iz-zmien kollu ta' din l-Ordni tal-Probation u ghalhekk tpoggih taht id-direzzjoni tal-Psikjatra Anthony Dimech bil-ghan li jsir titjib fil-kundizzjoni mentali tieghu kif ukoll sabiex izzommu l-boghod mill-vizzju ghalkemm bikri tat-tehid tad-droga.**

**Il-Qorti waslet sabiex timponi din l-Ordni wara li kienet sodisfatta illi l-imputat ghandu problemi ta' drogi u li arrangamenti ghal tali kura gja saru.**

**Il-Qorti tordna ai termini tal-artikolu 7(8) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta li kopja ta’ din s-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Ufficju tal-Probation sabiex jigi nominat il-kandidat idoneju ghal dan l-ghan.**

**Illi minhabba li l-imputat huwa minorenni l-Qorti tordna li l-isem tal-imputat minuri m’ghandux jixxandar u/jew jissemma fi kwalunkwe mezz ta’ kommunikazzjoni u/jew stampa.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------